# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Frar, 2025.**

**Numru 29**

**Rikors numru 283/22/1 TA**

**Carmel Mifsud**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali u għal kull interess li jista' jkollu l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

1. Il-konvenuti appellaw mid-digriet li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat fit-13 ta' Marzu 2023 u li bih ċaħdet talba tagħhom sabiex tordna lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri sabiex tagħti direzzjoni ċara dwar x'riedet tgħid fis-sentenza meta ddikjarat li m'għandhiex kompetenza biex tisma' l-proċeduri iżda ordnat referenza.

2. Il-fatti rilevanti huma dawn:

i. Fit-22 ta' Mejju 2017 l-attur fetaħ kawża fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri u lmenta dwar perjodu ta' sitt xhur li matulu kien arrestat. Talab għalhekk għad-danni minħabba li jsostni li f'dak il-perjodu sofra ksur tal-jedd fundamentali għall-libertà tal-persuna.

ii. Il-konvenuti wieġbu u *inter alia* qalu li l-Qorti m'għandhiex kompetenza għaliex qiegħed jintalab li jsir stħarriġ dwar allegat ksur ta' dritt fundamentali. Kompetenza li tispetta lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (tielet eċċezzjoni).

iii. Wara snin ma jsir xejn fil-kawża, b'deċiżjoni tas-27 ta' Mejju 2022 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri filwaqt li għamlet referenza għall-Art. 741(b) tal-Kap. 12, qalet:

> *"Il-kwistjoni sollevata fit-talbiet tal-attur, arġinata kif inhi esklussivament fuq ksur ta' drittijiet fundamentali, hi waħda li taqa' sabiex tiġi regolata skont l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni hawn fuq ċitat.*
>
> *Għalhekk ġialadarba l-kwistjoni mqanqla la hija frivola u lanqas vessatorja, din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni qiegħda tibgħat l-atti fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tiddeċiedi jekk jirriżultax ksur tal-jedd fundamentali tal-attur għal-libertà mill-arrest arbitrarju.*
>
> *Decide*
>
> *Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi din il-qorti qiegħda tilqa' t-tielet eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti u waqt illi tiddikjara li*

> *m'għandhiex ġurisdizzjoni tisma' u tiddeċiedi din il-kawża, bl-applikazzjoni tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni qiegħda tibgħat l-atti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali).*
>
> *L-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali".*

iv. Fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2022 quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla l-konvenuti argumentaw li ġialadarba d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri kienet li m'għandhiex kompetenza, ma kienx hemm ħtieġa għal referenza kostituzzjonali. Għalhekk talbu lill-Ewwel Qorti biex tibgħat l-atti lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) sabiex tagħti direzzjoni ċara dwar x'riedet tgħid fis-sentenza.

v. B'digriet mogħti fit-13 ta' Marzu 2023 l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenuti u sabiex ma jinħeliex iktar żmien ċaħdet it-talba tal-konvenuti u ddikjarat li, *"...... tikkunsidra li din il-kawża ġiet mibgħuta lilha a bażi tal-artikolu 741(a)* (*recte*, 741(b)) *tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta"*.

vi. B'rikors preżentat fl-1 ta' Marzu 2023 il-konvenuti talbu permess sabiex jappellaw mid-digriet tal-Ewwel Qorti.

vii. B'digriet tal-15 ta' Mejju 2023 l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba minħabba, *".... li dan huwa punt ta' natura proċedurali mhux ordinarju jimmerita li jkun hemm deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fuq dan il-punt"*.

3. Fid-digriet tat-13 ta' Mazu 2023 l-Ewwel Qorti rraġunat hekk:

> *"Il-Qorti tibda biex tirrileva li huwa ovvju li mit-talbiet attriċi l-azzjoni li qed tkun esperita hija ksur ta' drittijiet fundamentali, għalkemm ir-rikors ġuramentat seta' kien aktar feliċi mill-mod kif redatt. Come si tratta ta' ksur ta' dritt fundamentali ma kienx hemm ħtieġa ta' rikors ġuramentat iżda biss rikors ordinarju skond kif jiddisponi il-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Setgħu ukoll jissemmew l-artikoli partikolari kemm tal-Kostituzzjoni u anke dawk protokollari u anke l-Qorti setgħet ġiet indikata fil-kwalita' kostituzzjonali tagħha. Dawn kollha huma nuqqasijiet li ċertament waslu għall-vertenza tallum.*
>
> *Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Sezzjoni Ġenerali għamlet sewwa li ddeklinat il-ġurisdizzjoni tagħha a bażi tal-artikolu 741 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex huwa minnu li ma kellhiex ġurisdizzjoni. Għalhekk kull ma kellha tagħmel hu li tibgħat l-atti lil din il-Qorti u ma kienx meħtieġ li ssir referenza għall-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*
>
> *Huwa minnu li fit-tielet eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti jissollevaw in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti, imma din kienet timporta biss eżami taħt artikolu 741(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-eċċezzjoni ma hix talba għal referenza Kostituzzjonali kif inhuwa maħsub taħt artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni. Din tal-aħħar tqum biss meta minkejja li l-Qorti tkun kompetenti u għandha ġurisdizzjoni, titqanqal xi kwistjoni dwar ksur ta' drittijiet tal-bniedem f'kawża ordinarja u dik il-Qorti kompetenti tirreferi dik il-kwistjoni lill-Prim'Awla Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali biex tagħti deċiżjoni fuq daqshekk. Fil-fatt wara li tingħata dik id-deċiżjoni, il-kawża tintbagħat lura lill-Qorti li tkun għamlet dik ir-referenza. Fil-fatt artikolu 46(3) jiddisponi li "il-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni sont dik id-deċiżjoni" (Enfażi tal-Qorti)"*

4. B'rikors preżentat fid-19 ta' Mejju 2023, il-konvenuti appellaw mid-digriet tal-Ewwel Qorti filwaqt li l-attur wieġeb fl-20 ta' Mejju 2024 u qal għal fejn fil-fehma tiegħu din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-konvenuti.

5. L-aggravju tal-konvenuti hu li l-Ewwel Qorti kellha tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri sabiex tiċċara l-

pożizzjoni tagħha, ġialadarba l-ordni li tat kienet ta' referenza kostituzzjonali. Dan irrispettivament jekk l-intenzjoni ta' dik il-Qorti kienet li l-kawża tipproċedi a bażi tal-Artikolu 741 tal-Kap. 12. Għalkemm l-Ewwel Qorti għandha poteri wesgħin ma jfissirx li tista' taqbad u tassumi l-atti ta' proċeduri oħra u tiddeċidhom daqslikieku nbdew quddiemha, dan ladarba l-proċeduri quddiemha bdew *ai termini* tal-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni. Dan apparti li rimedju ma jistax jingħata fi proċedura ta' dik ix-xorta (ara sentenza Joseph Barbara AIC et v. Rita Caligari, Qorti tal-Appell tat-13 ta' Lulju 2020).

Konsiderazzjoni.

6. Hu ovvju li l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri għamlet żball meta ordnat referenza *ai termini* tal-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni. Referenza li għandha ssir biss fejn f'qorti li ma tkunx il-Qorti Ċivili, Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali, tqum kwistjoni dwar ksur ta' wieħed mill-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni. Imbagħad il-Qorti referenti għandha tiddeċiedi l-kwistjoni skont id-deċiżjoni li tingħata fil-proċedura ta' referenza. F'dan il-każ ma kienx hemm bżonn ta' referenza għaliex il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tat sentenza li biha laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti, ċjoè li m'għandhiex kompetenza biex tistħarreġ u tiddeċiedi l-kawża li fetaħ l-attur. Kulma kellha tagħmel dik il-Qorti hi li tagħti digriet li bih tordna li l-atti tal-kawża jiġu trasferiti lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla *ai termini* tal-proviso tal-Art. 741(b) tal-Kap. 12.

7. L-Ewwel Qorti għażlet li tkompli tqis il-kawża daqslikieku l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri applikat il-*proviso* tal-Art. 741(b) tal-Kap. 12. Hu ċar li ma kien hemm l-ebda domanda tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri li dwarha kellha tingħata tweġiba mill-Ewwel Qorti. Ladarba dik il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza, il-każ quddiemha waqaf hemm. Sentenza li minnha ma sarx appell u għalhekk hi ġudikat.

8. Din il-Qorti taqbel mal-pożizzjoni li ħadet l-Ewwel Qorti ġialadarba l-atti ġew trasferiti lilha. Li l-Ewwel Qorti tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għall-kjarifika, kien jissarraf f'iktar ħela ta' ħin. Dan meta ma kien hemm l-ebda domanda tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u ma kien hemm xejn x'jiġi ċċarat. Żmien li sfortunatament xorta ntilef minħabba l-appell tal-konvenuti.

<u>Deċiżjoni</u>.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-konvenuti bl-ispejjeż kontrihom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da